16 ta' Diċembru, 1954.

Imhallef:
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

**Gio Maria Debono** *versus* **Carmela Licari et.**

## Leġittima — Eredità — Rinunzja — Ċitazzjoni — Kawżali — Art. 901 u 902 tal-Kodiċi Ċivili.

*Il-leġittima tista' tintalab anki minn dak li jkun nominat eredi, pere wara li jkun irrinunzja għall-eredità.*

*Nein ma jiswa li fil-premessi taċ-ċitazzjoni jingħad li l-attur ma jridx joqgħod għad-dispożizzjoni testamentarja billi jagħżel li jieħu l-kwota lilu riżervata mill-liġi, għax ir-rinunzja għall-wirt ma tistax tkun preżunta, u tista' ssir biss b'dikjarazzjoni formali preżentata fir-Reġistru tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fil-Ġżi- ra fejn id-decujus kien joqgħod fiż-żmien tal-mewt tiegħu. Il-liġi hija kategorika, u ma tammettix, għalhekk, ekwipollenza.*

*Konsegwentement, fin-nuqqas ta' rinunzja għall-eredità bil-forma legali, l-azzjoni ta' l-attur li jitlob l-assenjazzjoni tal-leġittima lilu talvolta kompetenti fuq l-eredità in kwistjoni hija intempestiva.*

*L' intempestivi wkoll huma d-domandi l-oħra dedotti fl-istess ċitazzjoni li għandhom bħala kawżali l-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-leġittima; għaliex, jekk il-kawżali ma hix sostenibili, dawk id-domandi l-oħra jsegwu l-istess sorti; u kieku dawk id-domandi kellhom jibqgħu, l-azzjoni tiġi jkollha kawżali ġdida u diversa, kontra l-prinċipju proċedurali li l-kawżali, element sostanzjali ta' l-azzjoni, ma tistax titbiddel.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li a-lab li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni, u wara li ppremetta li Michele u Felicia miżżewġin Debono mietu rispettivament fit-22 a' Jannar 1935, u fit-8 ta' Ġunju 1939, b'testmenti hawn annessi fl-atti tan-Nutar Giovanni Vella tad-19 ta' Awissu 1926, tat-23 ta' Awissu 1926, tas-26 ta' Novembru 1930, u ta' l-4 ta' Ġunju 1935; li l-imsemmija miżżewġin Michele u Felicia Debono iddisponew mill-ġid tagħhom sija matul ħajjithom, kif jirriżulta mit-ċitazzjoni, u sija per mezz tal-fuq imsemmija testmenti; u b'dawn id-dispożizzjonijiet illedewlu l-leġittima lilu spettanti, u għalhekk hemm lok għal-likwidazzjoni u as-senjazzjoni ta' dina l-leġittima mill-konvenuti bħala werrieta u/jew bħala donatarji ta' l-imsemmija miżżewġin Michele u Felicia Debono, u li għal dan l-iskop hemm bżonn li jiġu mnaqqsa proporzjonatament id-dispożizzjonijiet imsemmija magħmula mill-istess miżżewġin Debono, tant matul ħajjit-hom kemm in forza tat-testmenti tagħhom, kif ukoll hemm lok li l-assijiet ta' l-istess miżżewġin Debono jiġu magħmula jikkonsistu anki f'dawk is-sustanzi qabel trasferiti lil xi ħadd mit-tfal tagħhom; talab (1) li jiġu mnaqqsa d-dispożizzjoni-jiet magħmulin mill-miżżewġin Debono in kwantu dawn jil-ledu l-leġittima dovuta lilu; (2) jiġi firmat u likwidat l-assi soċjali konjugali eżistenti bejn l-istess miżżewġin Michele u Felicia Debono, billi jiġi dikjarat jikkonsisti fis-sustanzi li jiġu pruvati fit-trattazzjoni tal-kawża; (3) l-assi hekk firmat u likwidat jiġi maqsum f'żewġ porzjonijiet, li minnhom waħda tiġi assenjata lill-wirt ta' Michele Debono, u l-oħra lill-wirt ta' Felicia Debono; (4) jiġu firmati u likwidati l-assijiet par-tikulari ta' Michele u Felicia miżżewġin Debono, billi jiġu dikjarati jikkonsistu fin-nofs ta' l-assi soċjali konjugali ġa msemmi u f'dawk is-sustanzi kollha l-oħra li jirriżultaw fit-trattazzjoni; (5) tiġi likwidata u assenjata lilu l-leġittima li tmissu skond il-liġi minn dawn l-assijiet; (6) u jiġi nominat nutar biex jippublika l-att relattiv fil-jum, post u ħin li tistab-bilixxi din il-Qorti, u kuratur jew kuraturi biex jirrappreżen-taw lill-kontumaċi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat il-verbal tal-linan, mnejn jirriżulta li l-attur aċċetta l-wirt tal-ġenituri tiegħu u jikkunsidra 'mbu bħala wiehed mill-werrieta tagħhom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi b'testment publikat minn Nutar Giovanni Vella fid-19 ta' Awissu 1926 (fol. 13), Michele u Felicita ġa miżżewġin Debono, ġenituri tal-kontendenti, innominaw bħala eredi universali tagħhom lil uliedhom, fosthom lill-attur Gio Maria Debono; liema dispożizzjoni ma jirriżultax li ġiet qatt mit-testaturi revokata;

Illi l-attur, bl-azzjoni odjerna, qiegħed jitlob illi prevja l-likwidazzjoni ta' l-assi soċjali konjugali u ta' l-assijiet partikulari tal-ġenituri tiegħu, tiġi likwidata u assenjata l-leġittima li tmiss lilu minn dawn l-assijiet;

Illi, kif jidher mill-art. 902 (Kodiċi Ċivili), il-leġittima tista' tintalab anki minn dak li jkun nominat eredi, wara però li dan ikun irrinunzja għall-eredità. F'dan is-sens hija wkoll l-interpretazzjoni tal-Qrati Tagħna (Kollez. XXXII—I—423);

Illi ma ġiex pruvat illi l-attur irrinunzja għall-eredità tal-ġenituri tiegħu; anzi jirriżulta l-kuntrarju. Xejn ma jiswa li fil-premessi taċ-ċitazzjoni huwa juri li ma jridx joqgħod għad-dispożizzjoni testamentarja, billi għażel li jieħu l-kwota lilu riżervata mil-liġi; għaliex ir-rinunzja għall-wirt ma tistax tkun preżunta, u tista' ssir biss b'dikjarazzjoni formali preżentata fir-Reġistru tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja fil-Gżira fejn id-decujus kien joqgħod fiż-żmien tal-mewt tiegħu (art. 901 fuq ċitat). Il-liġi hija kategorika, u ma tammettix għalhekk ekwipollenza;

Illi, konsegwentement, fin-nuqqas ta' rinunzja għall-eredità, u dan bil-forma legali, l-attur ma jistax jitlob l-assenjazzjoni tal-leġittima lilu talvolta kompetenti fuq l-istess eredità; u għalhekk il-ħames domanda hija intempestiva;

Illi ugwalment intempestivi huma d-domandi l-oħra ta' l-attur, peress li huma għandhom bħala kawżali l-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-leġittima; u ladarba dina l-kawżali

tahte ic-cirku-tanzi, mhix sostenibli, dawk id-domandi ghandhom isegwu l-istess xorti. Kieku, in vista tad-dikjarazzjoni li ghamel l-attur skond il-verbal tal-lum, dawk id-domandi kellhom jibqghu, l-azzjoni jiġi jkollha kawżali ġdida u diversa, kontra l-prinċipju proċedurali li l-kawżali, element sostanzjali ta' l-azzjoni, ma tistax titbiddel;

Illi, "rebus sic stantibus", ma hemmx lok li tiġi eżaminata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni opposta mill-konvenuta Teresa Debono;

**Ghal dawn il-motivi;**

Tiddikjara intempestiva l-azzjoni eżerċitata mill-attur;

U konsegwentement tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż.

---

**Tmiem tat-Tieni Parti tal-Volum XXXVIII.**

---